# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023**

**Numru 8**

**Rikors Numru 1014/18/1 TA**

**Wara r-rikors preżentat fis-27 ta' Jannar, 2023 fl-ismijiet fl-atti tal-kawża fl-ismijiet:**

**Western Co. Ltd (C 19994)**

**vs**

**Matthew Charles Costigan (ID. 219987 (M)) u martu Maria Costigan (ID. MT 7332195)**

**Il-Qorti:**

Rat is-Sentenza tagħha tas-26 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet premessi;

Rat ir-rikors tal-konvenuti Matthew Charles Costigan u martu Maria Costigan tas-27 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu is-segwenti:

> "Illi permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2023 din il-Qorti ddeċidiet is-segwenti:-
>
> > Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi;
> >
> > Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti fis-sens, li s-Soċjeta' Attriċi ma kellha ebda interess ġuridiku li tippromwovi din il-kawża u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Tilqa' l-ewwel, it-tieni talbiet rikonvenzjonali.

Tilqa' it-tielet u r-raba' u l-ħames talbiet rikonvenzjonali u tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-konvenuti rikonvenjenti fl-ammont ta' ħamest elef sebgħa mija u ħmistax-il ewro (€5,715) u tikkundanna għalhekk lis-Soċjeta' rikonvenzjonata tħallas lill-konvenuti l-ammont hekk likwidat, bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Illi minn qari tas-sentenza jirriżulta li mill-parti dispositiva tħalla barra l-kap tal-ispejjeż. Ai termini tal-Art. 233 tal-Kap. 12, kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.

Illi abbażi tal-Art. 235 tal-Kap. 12 meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti għandu jsir rikors fi żmien ħmistax-il ġurnata fejn l-esponenti jitlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba. Kemm fir-risposta ġuramentata kif ukoll fil-kontro-talba l-esponenti talbu li l-proċeduri jinqatgħu bl-ispejjeż a karigu ta' Western Co. Limited.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha ai termini tal-Art. 235 tal-Kap. 12 tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dan taħt dawk il-proveddimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."

Rat ir-risposta ta' Western Co Ltd, is-Soċjeta' Attriċi, li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"Illi l-esponenti topponi għat-talba tal-konvenut *ab omissa decisione*.

Illi minn qari tas-sentenza huwa evidenti illi l-Qorti ħasset illi kull parti kellha tħallas l-ispejjeż tagħha u kien għalhekk illi ma kkundannat l-ebda parti tħallas lill-parti l-oħra.

Illi fi kwalunke każ is-soċjeta' esponenti qiegħda tipprepara appell mis-sentenza fl-ismijiet premessi u konsegwentement anke l-kap ta' l-ispejjeż ser ikun reviżjonat mill-Qorti ta' l-Appell."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz tar-rikors fuq imsemmi l-konvenuti qegħdin jitolbu li din il-Qorti tipprovdi u tiddeċiedi għall-kap tal-ispejjes fis-Sentenza fuq imsemmija.

L-azzjoni hija impernjata taħt artikolu 235 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta inkwantu din il-Qorti ommettiet milli tiddeċiedi xi waħda mit-talbiet u cioe' *ab omissa decisione*.

Artikolu 235 tal-kap tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell ab omissa decisione:*

*Il-partijiet jistgħu jitolbu l-ewwel qorti li taqta' t-talba mhux maqtugħa b'rikors fi żmien ħmistax il-jum, Iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fiż-żmien ta' ħmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, warali l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba; f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jewminn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni:*

*jew b'rikors ġuramentat f'kull żmien li jkun. Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien lijkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta' rikorsġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża".* (Emfażi tal-Qorti.)

Għalhekk sabiex din il-parti tal-liġi tkun applikabbli jridu jirrikorru s-segwenti:-

1. Li talba tassew ma tkunx ġiet deċiża
2. Li t-talba għad-deċiżjoni ommessa issir b'rikors minn parti għal Kawża u

3. Li dan ir-rikors isir fi żmien 15-il ġurnata minn meta tingħata s-Sentenza.

Fir-risposta tagħha s-Soċjeta' Attriċi wieġbet li l-fatt li din il-Qorti ma provdietx għall-Kap tal-ispejjes ifisser li riedet li l-ispejjes jiġu sopportati bejn il-partijiet. Il-Qorti ma taqbel xejn dwar dan għaliex il-kap tal-ispejjes dejjem għandu jkun deċiż in expressis u mhux b'deduzzjoni. Apparti li dawn l-ispejjes huma mitluba, artikolu 223 (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi li "*Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż*".

Għalhekk wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha waslet għall-konklużjoni li tassew ma provdietx għall-Kap tal-ispejjes fis-Sentenza fuq imsemmija u dawn għandhom ikunu sopportati mis-Soċjeta' Attriċi bħala l-parti telliefa.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija fil-waqt li tikkonferma s-Sentenza fuq imsemmija, in aġġunta mal-istess qed taqta' u tiddeċiedi li l-ispejjeż tal-Kawża għandhom ikunu sopportati mis-Soċjeta' Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**